# Munich

## 8-12 ta' Diċembru 2023

**5 ijiem**

**Inżuru: Munich, Augsburg, Salzburg u Nurenburg**

**Il-Ġimgħa 08 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fis-07.00 għat-titjira KM306 li ttir fid-09.25 u naslu Munich fl-11.45 Transfer bil-kowċ fejn ser ikollna **Munich city tour**, flimkien mat-tour leader naraw il-pjazza ċentrali **Marienplatz** li hi ddominata mill-koppli tal-kampnari Fraunkirche .Naraw ukoll il-famuż arloġġ Rathaus Glockenspal li jinsab f'din l-istess pjazza, Isor Tor, St. Michael's Kirche, Karlsplatz bil-famuż fontana u t-toroq ta' Neuhausen Strabe u Kaufinge Strabe **żewġ** toroq mimlija stabilimenti u **ħwienet** mill-isbaħ. Naraw ukoll Pinakotheken Art Museum, Max Joseph Platz Opera House**.** Wara nibqgħu sejrin lejn il-Hotel Wallis li tinsab fiċ-ċentru tal-belt. Wara ħarġa mal-leader biex inżuru l-Christmas Market.

**Is-Sibt 09 ta' Diċembru**
Breakfast u wara ħin liberu għal sightseeing u shopping mill ħwienet sbieħ ta' **Munich u Christmas markets.** Wara nofsinhar eskursjoni għal belt sabieħa u mimlija storja, **'Augsburg'** mixja maċ-ċentru ta' din il- belt biex naraw l'aktar postijiet interessanti bħat Town hall, waqt li ngħaddu min diversi siti ta' Wirt Dinji tal USESCO . Wara jkollna ħin biżżejjed biex Ingawdu wkoll is-swieq tal-Milied tipiku Ġermaniż, bl-irwejjaħ tal- aromi tal-qastan u nbid sħun, zalzett.

**Il-Ħadd 10 ta' Diċembru**
Eskurssjoni mimlija storja, għax flimkien nżuru l-belt famuża ta' **Salzburg**. Kif jaf kulħadd din il-belt mhux biss hija belt storika u sabiħa, imma hija famuża wkoll għar-rabta li għandha mal-famuż film mużikali Sound of Music. Għalhekk naraw il-katidral, Residence Square, Market Square, Getreidegasse u d- dar ta' Mozart. Immorru anke fil-kapital Square minn fejn nistgħu nieħdu l' funikular (ħlas extra) għall-**fortizza ta' Hohensalzburg**. Naraw ukoll il-Watchtower u r-Rainer Museum fejn anke insibu kollezzjoni t'armi medjevali. Ħin liberu fejn tkun tistgħu żżuru il-Christmas Market.

**It-Tnejn 11 ta' Diċembru**
Excursion mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Nurenburg**, belt mill-iżjed interessanti. Flimkien mal-gwida tal-lokal (English Speaking) mmorru l-Old Town li huwa ċentru storiku. Ħin liberu biex ingawdu l-famuz Christmas Market li hu meqjus bħala wieħed mill-eqdem u l-isbaħ Christmas Market fil-Ġermanja. Nirritornaw lura l-hotel.

**It-Tlieta 12 ta' Diċembru**
Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Munich għat-titjira KM309 li ttir fis-12.40 u naslu lura Malta fit-15.00

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €800 |
| Kamra ta żewġ persuni | €800 |
| Kamra ta' persuna waħda | €910 |
| Tfal sa 11–il sena f'kamra ma' 2 adulti | €670 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mall-Air Malta għal Munich
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 Iljieli - Hotel Wallis 3 stars fiċ-ċentru ta' Munich
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

# Brussels

## 04 - 08 ta' Diċembru 2023

**5 ijiem**

**Inżuru: Brussels, Ghent, Antwerp, Bruges u Maastricht**

**It-Tnejn 04 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjoni ta' Malta fis-14.00 għat-titjira KM420 li ttir fil-16.30 u naslu Brussels f' 19.35. Nitilqu bil-coach lejn il-Hotel Bedford li qeda fiċ-ċentru tal belt. Sistemazzjoni tal-kmamar. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

**It-Tlieta 05 ta' Diċembru**
Breakfast u wara walking **City tour** mal belt ta' **Brussel**, attrazzjonijiet ewlenin bħal Manneken Pis, Marché au Charbon street, Royal Palace, Town Hall, Gran Place and more.. Wara ħin liberu. Wara nofs inhar eskursjoni mill-iżjed interessanti għal belt ta' **Antwerp**. Flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra ma' din il-belt fejn fost oħrajn naraw Grate Markt, Cathedral of Our Lady, Central Station u l-Old Town. Ikollna ħin liberu biex inkomplu ngawdu toroq imżejna għal festi tal-Milied u Christmas Market

**l-Erbgħa 06 ta'Diċenbru**
Buffet breakfast. L-ewwel eskursjoni ser teħodna ġewwa l-**Olanda** fejn inżuru il-belt ta' **Maastricht** Malli naslu Maastricht ikollna city tour biex inżuru l-belt rumana fost l-aktar fortifikata ġewwa l-Olanda. Maastricht hi destinazzjoni turistika popolari ħafna, madwar il-belt inkunu nistgħu naraw Stokstraat Quarter, Basilika of Our Lady, The Romparts...Wara ħin liberu biex ingawdu l-famuż Christmas Market fil-pjazza Vrijthof fejn hawn insibu atmosfera maġika.Nirritornar lura Brussels. Filgħaxija jkollna l-opportunita li nkomplu nżuru it-torq imżejna ta' Brussels u Christmas Markets

**Il-Ħamis 07 ta'Diċembru**
Skopri magħna il-belt sabiħa ta' **Bruges**, waħda mill-ibliet l-aktar pittoreski fl-Ewropa ta' Fuq, b'opportunità li tiħbed ritratt f'kull rokna! . Flimkien mall-gwida tal-lokal ser ikollna l'opportunita' li naraw iċ-ċentru storiku li hu Unesco World Heritage, bini medjovali, Church of Our Lady, The Beguinage, The Lake of Love, Bruges city Hall, eċċ. Ikollna ħin liberu biex ingawdu din il-belt. Min irid jista jmur Canal Cruise (extra) u jammira il- bridges storiċi, Flower Garden u Alm houses matul il-kanali ta'Bruges, u ma tonqas xi ikla tajba mill-Christmas Market

**Il-Gimgħa 08 ta'Diċembru**
Illum eskursjoni oħra mill-isbaħ għal belt ta' **Ghent**. Mall- wasla tagħna ġo din il-belt ikollna city tour fejn naraw postijiet ta' nteress bħal Castle of Gerardo the Devil, fejn hawn insibu l-pittura famuża ta' Van Eyck brothers "The adoration of the mystic Lamb", Bell Tower, Town Hall, Mason's Guild House, Grass and Grains Pier u ma jonqos il- Christmas Market fil- pjazza Prinċipali quddiem il katidral.

Wara transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Brussels għat-titjira KM421 li ttir fit-20:25 u naslu fl-23 :20

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €720 |
| Kamra ta żewġ persuni | €725 |
| Kamra ta' persuna waħda | €800 |
| Tfal sa 11–il sena f'kamra ma' 2 adulti | €650 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal Air Malta: Malta – Brussels - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, cable cars eċċ mhux inklużi)
- 5 iljieli -Hotel Bedford fiċ-ċentru ta'Brussels
- Continental Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection